MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 603/2013

**Cambio Stile Limited**

**Vs**

**Karl Bonnici bhala debitur principali u Salvatore Bonnici u martu Pauline Bonnici bhala garanti in solidum mad-debitur principali**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Gunju 2013 l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuti l-hlas ta' erbghin elf ewro (€40,000), self li nghata lil Karl Bonnici b'kuntratt tat-12 ta' Jannar 2012 pubblikat min-nutar Dr Sam Abela (fol. 6). Il-konvenuti l-ohra deheru fuq l-atti bhala garanti. Mill-kuntratt jirrizulta li:-

i. Id-dejn kellu jithallas f'perjodu ta' mhux iktar minn sentejn permezz ta' pagamenti mensili ta' €300 kull xahar.
ii. Jekk ma jithallasx id-dejn, il-konvenut jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-kreditu flimkien mal-imghax, ikun dovut minnufih.

Fis-seduta tal-lum giet registrata ammissjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-attrici fl-ammont ta' erbghin elf ewro (€40,000), tikkundannahom ihallsuha din is-somma bl-imghax mit-12 ta' Frar 2012. Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------